MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 444/1987/1

**Godwin Navarro u Olivier Navarro ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija "Velna Shirts Company Limited"**

**Vs**

**Saviour Baldacchino**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'kuntratt definit ta' xoghol il-konvenut kien obbliga ruhu li jahdem ma' l-atturi *nomine* ghal perjodu ta' sena mit-2 ta' Gunju 1986 b'paga ta' mitejn u sittin lira (Lm260) fix-xahar (Dok. A);

Premess illi l-konvenut ittermina l-impjieg tieghu fis-27 ta' Frar 1989 u cioe` tliet xhur qabel iz-zmien stipulat fil-kuntratt tax-xoghol (Dok. B);

Premess illi skond l-Artikolu 25(8)(ii) ta' l-Att ta' l-1952 li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg huwa ghandu jhallas lis-socjeta` attrici li kienet timpjegah somma ekwivalenti ghal nofs is-salarju li kien intitolat ghalih li kieku baqa' jahdem sa l-ahhar taz-zmien miftiehem;

Premess illi nofs is-salarju tal-konvenut ghat-tliet xhur li ma hadimx sal-1 ta' Gunju 1987 jammonta ghal tliet mija u disghin lira (Lm390);

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi *nomine* is-somma ta' tliet mija u disghin lira (Lm390) dovuta lill-atturi *nomine* bhala somma ekwivalenti ghal nofs is-salarju kollu li ghalih il-konvenut kien intitolat li kieku baqa' fis-servizz ghal bqija taz-zmien espressament miftiehem u dan skond l-artikolu 25(8)(ii) ta' l-Att ta' l-1952 li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu u bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Frar 1987 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt ghax mhux dovut in-*notice money* minnhom mitluba stante li l-konvenut kien fuq kuntratt ghal zmien indefinit u ghalhekk

kien liberu li jhalli l-impjieg tieghu b'semplici *notice* ta' gimgha skond l-Artikolu 25(3)(a) ta' l-Att XI ta' l-1952, liema ammont diga` gie mizmum mill-atturi *nomine*;

2. Illi l-kuntratt invokat mill-atturi ma kellu ebda effett skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 27A ta' l-istess Att XI ta' l-1952;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-23 ta’ April 1990 li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Saviour Demicoli biex jigbor il-provi; kif ukoll id-digriet tas-17 ta’ Jannar 1994 li bih gie sostitwit l-imsemmi Assistent Gudizzjarju b’Dr. Maria Dolores Gauci fl-istess inkarigu;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijietipprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-konvenut f'din il-kawza kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala Time Study Technician, affidat minn tmenin fil-mija (80%) tal-*work force* tal-kumpanija u responsabbli mir-regolarita` produttiva azjendali. Ara deposizzjoni ta' Godwin Navarro a fol. 65 tal-process;

Il-provi processwali juru li hu beda fl-impjieg fit-18 ta' Novembru 1985 wara l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni tieghu datata 18 ta' Ottubru 1985 (fol. 40);

Ghall-ewwel l-konvenut kien fuq *probationary peried* ta' sitt xhur, liema zmien skada fid-19 ta' Mejju 1986. F'dan

il-perjodu l-paga tieghu kienet ta' mitejn u tmienja u tletin lira Maltija (Lm238) fix-xahar;

Jinghad mill-attur *nomine* illi waqt il-kors ta' dan il-*probationary period* saru diskussjonijiet bejn il-partijiet, gie ittajpjat il-ftehim (fol. 61) u aktar tard gie iffirmat ukoll. Dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' impjieg datat 2 ta' Gunju 1986 (fol. 6);

Fis-27 ta' Frar 1987 il-konvenut baghat ittra ta' rizenja (fol. 8) u dan, fi kliem Godwin Navarro, holoq diffikultajiet lill-kumpanija ghal mod hesrem kif qabad u telaq, tenut kont, kif fuq muri, tar-responsabilita` koncessa lilu;

Skond klawsola tnejn (2) tal-kuntratt precitat l-impjieg tal-konvenut kien ghal "*definite period of one year with effect from 2nd June 1986 ....*". Billi dan it-terminu kien ghadu ma skadiex fil-mument tar-rizenja da parte tal-konvenut, l-atturi *nomine* qed jippretendu minghandu l-hlas ta' nofs is-salarju tat-tliet xhur rimanenti, u cioe` bejn l-1 ta' Marzu 1987 sal-1 ta' Gunju 1987;

Il-kontenzjoni tal-konvenut tinsab arginata fuq id-difiza illi skond hu l-kuntratt ta' impjieg tieghu kien wiehed ghal zmien indefinit u allura kien regolat b'disposizzjoni differenti ta' l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' Impjieg minn dik pretiza mill-atturi *nomine*;

Huwa jsostni t-tezi illi qabel ma beda fl-impjieg ma kienx hemm ftehim dwar zmien u, allura meta iffirma l-kuntratt tat-2 ta' Gunju 196 huwa haseb li dan kien perpetwazzjoni tal-ftehim originali u kien ghalhekk li ffirmah (fol. 156). Huwa jikkontendi illi fil-bidu kienu ftehmu li ma' l-gheluq tas-sitt xhur jiehu zieda fil-paga u jkompli bix-xoghol tieghu. Ghal kuntrarju, jafferma l-konvenut, "tani kuntratt li kien 'time-controlled', jigifieri 'for a specific period' u kondizzjonijiet li ma kienux kompatibbli mat-tip ta' xoghol li kont qed naghmel" (fol. 154);

Ovvjament din il-versjoni tikkuntrasta bis-shih mal-posizzjoni tas-socjeta` attrici li ssostni li l-kondizzjonijiet regolanti l-impjieg tal-konvenut gew diskussi verbalment

mieghu u li l-kuntratt kien jirrispekkja l-ftehim verbali. (Xhieda ta' Godwin Navarro a fol. 53 u fol. 61);

Jidher li s-soluzzjoni tal-kwistjoni *de qua* trid tigi ricerkata f'dak li sehh fil-mument ta' l-iffirmar tal-kuntratt u l-atteggjament assunt mill-konvenut kemm f'dan l-istess mument kif ukoll sussegwentement ghalih;

Mill-ispjega fornita mill-konvenut fid-diversi seduti li fihom offra d-deposizzjoni tieghu jistghu jinsiltu dawn l-estratti:

i. "Nghid li meta gejt biex niffirma l-kuntratt definit kont qieghed l-ufficcju u l-attur *nomine* Godwin Navarro gabli zewg kopji u qalli biex niffirmahom. Nghid li jien assumejt li dan kien kontinwazzjoni tal-kuntratt li jien diga` kelli, cioe` tal-kuntratt indefinit u jien ghalhekk qbadt u ffirmajt. Nghid li jien ma kontx naf li dan it-tieni kuntratt kien kuntratt definit" - Seduta 15 ta' Mejju 1989, fol. 59;

ii. Il-konvenut jaccetta li nghata kopja tal-kuntratt u li wara li ffirmah, "forsi tajtu daqqa ta' ghajn" (fol. 118), u "hadt parir legali wara li jien kont diga` ffirmajt dan it-tieni kuntratt" (fol. 59). Fis-seduta tat-13 ta' Marzu 1995 jghid li dan il-parir hadu "wara li gejt imharrek";

iii. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1997 il-konvenut jelabora b'dan il-mod:-

"... f'Gunju baghat ghalija u qalli hawn dan il-kuntratt gdid. Dak in-nhar ma qrajtux u kien tahuli u ffirmajtu dak il-hin stess, lanqas biss tani cans u hadu lura. Dak il-hin tani kopja. Jiena il-kopja ma qrajthiex ... Qabel ma ffirmajt ma semmilix dak il-hin li kien kuntratt ghal sena li kont ser niffirma. Il-karta tahieli biex niffirma Mr Oliver Navarro. Hu qalli li ghandu kuntratt biex niffirmah. Peress li ma semmiex li ha jinbidlu l-kundizzjonijiet jien ma kellix skop li noqghod lura u ma niffirmahx ... Mindu hadt il-kopja sa kemm jien bghatt ir-rizenja ma kellimt lil hadd fuq dan il-kuntratt." (fol. 157);

Minn ezami ta' dawn il-brani l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma kien xejn diligenti fil-mod kif agixxa fil-mument ta' l-iffirmar ta' kuntratt, hekk importanti u vitali

ghar-regolamentazzjoni ta' l-impjieg tieghu. Tali non-kuranza ma tistax tigi kondonata u lanqas premjata billi l-Qorti taccetta l-assunt fuq dak li seta haseb il-konvenut li kien fih il-kuntratt meta dan invece mill-apparenza tieghu kien jikkontjeni terminu u kondizzjonijiet precizi;

Is-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghadnu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u ma ghandux jigi mibdul jew cirkuwit b'mera assunzjoni soggettiva ta' xi parti fost il-kontraenti;

Ir-raguni, imbaghad, kellha tiddettalu, una volta kellu kopja tal-kuntatt, illi jezamina sew il-kuntratt, u mhux jaghtih semplici hemza, biex jekk dan ma kienx jirrifletti l-verita` jattira l-attenzjoni fuq daqshekk lil principali tieghu. Minn dan kollu l-konvenut baqa' ma ghamel xejn u allura l-Qorti ragjonevolment ikollha tahseb u tissusspetta illi l-opposizzjoni tieghu, *ex post facto* t-tahrika, m'ghandhiex mis-serjeta` u qed issir biss biex il-konvenut jappilja ma' skuzanti biex jiskansa s-sanzjoni mposta mil-ligi konsegwenti ghad-decizjoni tieghu tar-rizenja;

In effetti, biex jinghad kollox, lanqas f'dawn il-proceduri, kieku verament u attivament ried isostni l-posizzjoni tieghu, ma pprevalixxa ruhu mill-ghodda procedurali ghad-disposizzjoni tieghu biex permezz ta' kontro-talba jimpunja l-kuntratt;

Kif hekk lanqas ma ivventila l-punt li kien hemm xi tibdil unilaterali tal-kondizzjonijiet ta' impjieg li kapaci twassal jew tigi kwalifikata bhala "*constructive dismissal*". Sitwazzjoni din li kienet tintitolah jirrizenja minghajr ma jkun kostrett jissubixxi l-komminazzjoni tal-ligi. Ebda aggravju jew ilment f'dan is-sens ma gie avvanzat minnu;

Il-kuntratt ghalhekk kellu jibqa' jitqies vinkolanti. Hu allura fil-kompetenza tal-Qorti li tiddelibera u tinterpreta l-provvedimenti tal-ligi dwaru;

Il-kwistjoni ghad-decizjoni hi wahda ta' fatt dipendenti minn ezami tal-kuntratt ta' impjieg intercedut bejn il-

partijiet fit-2 ta' Gunju 1986, salv dejjem s'intendi r-riljievi legali li jghoddu ghalih;

L-imsemmi kuntratt jistabbilixxi li t-terminu ta' l-impjieg kien dak ta' sena. Li jfisser li l-impjegat kellu joqghod fl-impjieg sal-1 ta' Gunju 1987, u jekk ma riedx li dan jiggedded kellu jaghti preavviz ta' tliet xhur. Dan kif stipulat ukoll fi klawsola tnejn (2) tal-kuntratt;

Huwa immedjatament identifikabbli mill-ittra ta' rizenja (Dok. 'B' a fol. 8 tal-process) illi l-konvenut iddecieda li jittermina l-impjieg qabel id-dekors tas-sena kontrattata. Din l-ghazla tieghu ma kienetx koercitiva fuqu u lanqas ma gie sfurzat jitlaq. Il-ligi stess tikkoncedilu dan id-dritt ta' ghazla b'dan pero` illi din l-istess ghazla timporta, kif gja manifest, is-sanzjoni f'kaz li tali terminazzjoni tirrizulta li hi ngusta jew kapriccjuza jew mhux fit-terminu tal-ftehim tal-kuntratt ta' impjieg;

Evalwati l-provi ma jistax ikun hemm dubju illi l-kuntratt ta' impjieg bejn il-partijiet kien wiehed ta' ghazliet liberi u konformi mal-ligi (Kapitolu 135). Anzi l-Qorti ma tirravvisa xejn fih li jista' jinghad illi l-konvenut inghata kondizzjonijiet anqas favorevoli minn dawk provvduti fil-ligi specjali tal-Kapitolu imsemmi;

Id-decizjoni tal-konvenut allura li jittermina l-impjieg tieghu ggorr b'konsegwenza legali l-obbligu li jhallas lill-principali tieghu "somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem." (Artikolu 25(8)(ii), illum Artikolu 34(12) ta' l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg);

Billi pero`kif hekk accettat ukoll mill-atturi *nomine* (fol. 143) l-konvenut kien intitolat ghal hlas ta' xi leave u bonus, b'kollox hamsa u hamsin lira, wiehed u sebghin centezmu (Lm55.71,0) alura l-konvenut jigi li ghandu jhallas l-ammont ta' tliet mija erbgha u tletin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm334.29,0);

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' d-domanda attrici, tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' tliet mija erbgha u tletin lira Maltija, disgha u ghoxrin centezmu (Lm334.29,0) u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-atturi *nomine*, bl-interessi mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 1987;

L-ispejjez tal-kawza huma a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------